MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1864/2003

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Anastasi sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Mark Anastasi**

**Vs**

**Margaret Fenech**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru 2004 fejn l-is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm573.73 (hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) dovuti ghall-danni sofferti f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-ammont ta' hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm573.73) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tad-19 ta' Frar, 2003 f'Daret Birkirkara,

Lija bejn vettura numru ta’ registrazzjoni IAV 325 misjuqa minnek u prorjeta` tieghek u vettura numru ta’ registrazzjoni IVM 001 misjuqa minn u propjeta` ta’ Mark Anastasi, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tieghek minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek.

Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsult legali (Lm6.00) u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tieghek, kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta’ Frar 2003 gewwa Hal Lija gara unikament tort u htija ta’ Mark Anastasi u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi minhabba nuqqas ta' prezentata ta' skizz da parti sia tal-pulizija investigattiva u sia tal-partijiet, it-tribunal kellu jaccedi fuq il-post sabiex illum jista' jasal ghal konkluzjonijiet tieghu.

Dak li hu kontestat huwa f'liema mument saret il-habta. Bhala direzzjonijiet huma accettabbli miz-zewg partijiet. L-attur jallega li kellu biex jaqbez lil konvenuta, dina qalet u dahlet fih. Da parti taghha l-konvenuta tallega li kienet wieqfa l-attur qabizha u dahal fiha. Jigi rilevat li ex admissis; il-konvenuta kienet qed tistenna l-vetturi sia quddiemha u sia li ried jaqbizha sabiex tkun tista' tmur tipparkja fuq in-naha l-ohra tat-triq. Anzi kellha tieqaf sabiex thalli vettura quddiemha tohrog. Riedet issib il-mument propizju sabiex taqla' u tmur tipparkja. Fl-istess mument it-traffiku kien ghaddej minn fuq il-lemin taghha.

Jirrizulta lit-Tribunal li l-attur ma kellux ghalfejn jidhol jew jikser go fiha meta kien qed jissorpassa. Dana rrizulta waqt l-access mizmum fuq il-post tal-incident. Hija aktar verosimili li l-versjoni tal-attur li meta kien ghaddej minn maghha minghajr prekauzzjoni qalghet- u habtet mal-attur.

Jirrizulta li l-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi accettat.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u jikkundanna thallas is-somma ta' Lm573.73 bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------